C/2024/3389

27.5.2024

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ M.11410 — HEDIN MOBILITY / IVECO SWEDEN / IVECO DENMARK / IVECO FINLAND / IVECO NORGE)**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(C/2024/3389)

1. Fis-16 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 wara referenza skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hedin Mobility Group AB ("Hedin Mobility", l-Iżvezja), u

— Iveco Sweden AB (l-Iżvezja), Iveco Danmark A/S (id-Danimarka), Iveco Finland OY (il-Finlandja), u Iveco Norge Trucks AS (in-Norveġja) (b'mod konġunt, "Kumpaniji fil-Mira"), proprjetà sħiħa ta' Iveco Group N.V. ("Iveco", in-Netherlands).

Hedin Mobility se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll tal-Kumpaniji fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Hedin Mobility hija attiva prinċipalment fl-importazzjoni u d-distribuzzjoni ta' vetturi ġodda u użati (inklużi karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief), spare parts u tajers, kif ukoll fil-lokazzjoni u kiri għal żmien qasir ta' vetturi, inkluż fid-Danimarka, fil-Finlandja, fin-Norveġja u fl-Iżvezja. Hedin Mobility hija sussidjarja ta' Hedin Group AB,

— Il-Kumpaniji fil-Mira huma distributuri bl-ingrossa u bl-imnut kollha kemm huma propjetà tal-Grupp Iveco fid-Danimarka, fil-Finlandja, fin-Norveġja u fl-Iżvezja, attivi fil-bejgħ ta' vetturi kummerċjali ħfief, trakkijiet medji u tqal, fil-bejgħ ta' spare parts, u fil-manutenzjoni ta' vetturi kummerċjali.

3.Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11410 — HEDIN MOBILITY / IVECO SWEDEN / IVECO DENMARK / IVECO FINLAND / IVECO NORGE

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").